

Talbiet

- Tiddikjara li r-Renju ta' Spanja, fir-rigward ta' ċerti żoojet li jinsabu f'Aragona, fl-Asturias, fil-Baleares, fil-Kanarji, f'Canabria, f'Castilla y León, fil-Comunidad Valenciana, f'Extremadura u f'Galicia,
 - billi ma żgurax, mhux iktar tard mid-data prevista mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/22/KE⁽¹⁾ tad-29 ta' Marzu 1999 dwar iż-żamma ta' annimali selvaġġi fiż-żoo, li ż-żoojet kollha li jinsabu fit-territorju tiegħu jkollhom liċensja valida maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) u (3) u, f'dak li jirrigwarda Aragona, l-Asturias, il-Kanarji, Cantabria u Castilla y León, skont l-Artikolu 4(4) tad-direttiva, u
 - billi ma adottax miżuri ta' għeluq fir-rigward taż-żoojet mingħajr awtorizzazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(5) tad-direttiva,
- naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4(2) (3) (4) u (5) tal-imsemmija direttiva.
- Tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-Renju ta' Spanja,

- ma żgurax, mhux iktar tard mid-data prevista mid-direttiva, li ż-żoojet kollha li jinsabu fit-territorju tiegħu jkollhom liċensja valida maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) u (3) u, f'dak li jirrigwarda Aragona, l-Asturias, il-Kanarji, Cantabria u Castilla y León, skont l-Artikolu 4(4) tad-direttiva
- ma adottax, fil-każ taż-żoojet mingħajr awtorizzazzjoni, il-miżuri ta' għeluq skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(5) tad-direttiva.

⁽¹⁾ ĠU L 94, p. 24

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs L-Irlanda

(Kawża C-355/09)

(2009/C 256/30)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżenti: P. Oliver, A.-A. Gilly, aġġenti)

Konvenuta: L-Irlanda

Talbiet tar-rikorrenti

- tiddikjara li, billi ma ħaditx il-miżuri nazzjonali neċċesarji għall-implementazzjoni tal-Artikoli 10 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 273/2004⁽¹⁾, billi naqset milli tikkomunika dawn il-miżuri b'mod konformi mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, u billi ma adottatx il-miżuri nazzjonali neċċesarji għall-implementazzjoni tal-Artikoli 26(3) u 31 tar-Regolament (KE) Nru 111/2005⁽²⁾, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 dwar prekursuri tad-droga u taħt ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi;
- tikkundanna lill-Irlanda għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

L-Istati Membri huma marbuta jadottaw il-miżuri nazzjonali neċċesarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti, fit-termini stabbiliti f'dawk ir-regolamenti stess, u li jikkomunikaw immedjatamente dawn il-miżuri lill-Kummissjoni. Il-Gvern tal-Irlanda ma adottax u lanqas ikkomunika l-miżuri neċċesarji għall-implementazzjoni tal-Artikoli 10, 12 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 273/2004 dwar prekursuri tad-droga u tal-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 111/2005 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, dwar prekursuri tad-droga (ĠU L 47, p. 1)

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005, tat-22 ta' Diċembru 2004, li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi (ĠU L 22, p. 1)

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-366/09)

(2009/C 256/31)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżenti: G. Braun u E. Vesco, aġġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

Talbiet tal-parti rikorrenti

- tiddikjara li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/43/KE⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE jew, f'kull każ, billi naqset milli tikkomunikhom lill-Kummissjoni, l-Italja

naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 2006/43/KE;

- tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu previst għat-traspożizzjoni tad-direttiva fis-sistema legali interna skada fit-28 ta' Ġunju 2008.

⁽¹⁾ ĠU L 157, p. 87